# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 13 ta' Lulju 2022**

**Talba Nru: 237/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 9**

**Charis Mallia (K.I. 316987(M)) in rappreżentanza tas-Soċjetá AN Holdings Ltd (C 65256) u b'digriet tat-Tribunal ta' nhar il-15 ta' Frar 2021 tneħħew il-kliem 'Charis Mallia (K.I. 31698(M)) in rappreżentanza tas-soċjetá' u b'digriet tat-Tribunal ta' nhar il-24 ta' Marzu 2022 is-soċjetá attriċi ġiet sostitwa għal Onepercent Ltd**

**Vs**

**Owen Gauci (K.I. 447084(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2020, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' elf, mitejn u sittin Ewro (€1,260) rappreżentanti bilanċ ta' servizz provdut, installat u mhux imħallas kif aħjar deskritt fl-istess Avviż[1]. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, dawk ta' ittra uffiċjali u l-imgħax;

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti anness mal-istess Avviż[2];

Ra r-risposta tal-konvenut ippreżentata fl-10 ta' Novembru 2020,[3] tramite liema huwa laqa' għall-azzjoni oderjna b'eċċezzjoni ġenerika u sussegwentement billi qal lix-xogħol magħmul ma kienx komplut għaliex ma sarx sew u għandu difetti latenti.

Sema' x-xhieda ta' Emiliano Cecchato[4] u ta' Charis Mallia[5] u ra d-dokumenti eżebiti;

Ra n-nota tas-soċjetá attriċi bid-dokumenti annessi[6];

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-15 ta' Frar 2021 fejn intalbet korrezzjoni fl-okkju[7];

Ra d-digriet tat-8 ta' Lulju 2021[8].

Ra l-affidavit tal-konvenut[9];

Ra l-filmati eżebiti[10];

Sema' x-xhieda tal-Perit Janice Fiorentino, Charis Mallia , Emilian Cecchato u tal-konvenut Owen Gauci[11];

---

[2] Bejn fol 2 u fol 6 tal-proċess.
[3] A fol 11 *et seq* tal-proċess.
[4] Din tibda a fol 9 tal-proċess.
[5] Din tibda a fol 13 tal-proċess.
[6] Din tinsab a fol 21 tal-proċess.
[7] A fol 59 tal-proċess.
[8] Dan jibda a fol 72 tal-proċess.
[9] Ippreżentat permezz ta' nota li tinsab a fol 76 tal-prċess.
[10] Pendrive tinsab f'enevlope a fol 121 tal-proċess.
[11] Ilkoll magħmula fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2021.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetá attriċi[12];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut[13];

Ra d-digriet mogħti waqt l-udjenza tal-24 ta' Marzu 2022[14];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel ma t-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi l-ewwel xhieda kienet dik ta' Emiliano Ceccato[15]. In eżami jgħid li huwa jieħu ħsieb id-dipartiment tal-bejgħ tas-soċjetá attriċi. Il-konvenut kien klijent li kien jaqdih hu. Kien hemm diversi aperturi li fihom kellu jsir ix-xogħol. Jgħid li sar forma ta' ħlas u bdew jiġu installati l-bibien bla problemi. Hu kien imur fuq is-sit. Inizjalment, il-fond in kwisjtoni kienet għada qiegħda tinbena u l-konvenut kien ingħata d-dimensjonijiet kollha. Saret referenza għall-korrispondenza permezz ta' posta elettronika. Wara xi ġimgħa, fuq din l-apertura partikolari l-konvenut beda jgħid li kien hemm xi problemi. Sabu li l-ħajt fejn ġiet installata t-

[12] Din tibda a fol 140 tal-proċess.
[13] Din tibd a fol 155 tal-proċess.
[14] Fejn reġa nbidel l-okkju in vista tat-talba magħmula permezz ta' rikors tal-11 ta' Jannar 2022.
[15] Magħmula fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021 u tibda a fol 9 tal-proċess.

tieqa, il-bieb ma kienx dritt. Kien il-perit li kellu jara li l-apertura ssir kif kien qallu hu. Sar xi xogħol riparatorju u wara xi ġimgħat reġa qal li kien hemm problema. Din kienet l-unika tieqa li kellha problemi. Jgħid li l-ħajt jidher li ma kienx tajjeb.

Illi in kontro-eżami[16], jikkonferma li huwa jgħid li dan il-bieb ( u jibqa' jseħħilha tieqa, għalkemm aktar tard jgħid finalment li dan kien bieb) ġiet ordnata qabel ma kienu lesti x-xogħolijiet. Jgħid li kienet il-perit li ddeċideit li tordna l-produzzjoni tax-xogħol. Jgħid li l-problema hija fil-ħajt. Jgħid li ma ħadux qisien ghax l-art ma kinitx lesta anqas. Aktar tard jgħid li kien hu li ta' d-dimensjonijiet lill-perit sabiex din tagħmel il-ħajt b'dak il-mod.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet ukoll Charis Mallia. In eżami[17], tgħid li hija general manager, tieħu ħsieb is-sales u l-installazzjonijiet. Spjegat lis-sojċetá attriċi tagħmel xogħol *tailor made.* Huma jordnaw u jġibu prodott lest skond id-dimensjonijiet u karatteristiċi partikolari tax-xogħol. Tgħid li hi daħlet fix-xena meta l-konvenut ma ridx iħallas il-bilanċ mertu ta' dawn il-proċeduri. Saru diversi tentattivi biex tinstab soluzzjoni. Spjegat fid-dettall il-korrispondenza eżebita. Il-bieb kien jittranġa u kien jaħdem, iżda l-konvenut kien jerġa' jgħid li m'huwiex qiegħed jaħdem sew. Il-konvenut ried iżomm dan l-ammont bħala *safety* li s-soċjetá attriċi ma kinitx sejra tinsieh.

Illi in kontro-eżami[18] tikkonferma li hi ma marritx fuq il-post waqt ix-xogħol. Tgħid li l-konvenut inizjalment kien kuntent bix-xogħol. Tgħid li l-problema m'hijiex fil-bieb izda fl-istruttura. Tgħid li x-xogħol riparatorju kien tajjeb, iżda imbgħad jidher li l-problema kienet terġa tfeġġ. Hi tistrieħ fuq ir-ritratti. Tgħid li

---

[16] Magħmul fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2021 u li jibda *a tergo* ta' fol 128.
[17] Magħmula waqt is-seduta tal-1 ta' Frar 2021. Xhieda relattiva tibda a fol 13 tal-proċess.
[18] Magħmul fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2021 u jibda a fol 127 tal-proċess.

l-bibien l-oħra huma tajbin għaliex il-ħitan huma dritti u dan le. Tgħid li hemm biċċa tal-ħajt ġdida li ġiet mibnija wara l-bieb u hija din il-problema.

Illi l-konvenut inizjalment xehed permezz t'affidavit[19]. Jgħid li huwa (u martu) kienu qiegħdin jagħmlu xi xogħol ta' refurbishment fil-fond in kwistjoni u marru għand is-soċjetá attriċi (dak iż-żmien AN Holdings Limited) fuq parir tal-perit tagħhom sabiex isiru aperturi tal-PVC. Il-perit ħadet id-dimensjonijiet u għaddiethom lis-soċjetá attriċi. Spjega li saru diversi ħlasijiet salv għal dan il-bilanċ. Dan l-isliding door kellu diversi problemi mill-ewwel. Xorta sar ħlas ulterjuri rigwardanti dan il-bieb. Kienu ġew esperti minn bara wkoll sabiex jittantaw jirranġaw is-soluzzjoni iżda kien kollu għal xejn. F'Mejju 2016 reġa kien hemm l-istess problema, u sar xogħol ripartorju ieħor. F'Settembru 2016 saru aġġustamenti oħra, diversi drabi. Beżgħu jagħmlu l-pagament hawn mitlub għaliex riedu jistennew biex jaraw jekk il-problema terġax tfeġġ. F'Otubru 2016 ġew mitluba li jsir il-pagament iżda huma rrifjutaw għaliex kien hemm drabi fejn il-bieb ma ħadimx. Ġew mitluba diversi drabi biex iħallsu. F'Marzu reġgħu intalbu u ingħataw *ultimatum* sabiex isir il-ħlas. Ma jidhirx li kien hemm iktar problemi salv għall-Awwissu 2018 fejn bagħtu filmati dwar il-problema. Jgħid li l-problema baqgħet. Il-perit ħejjiet rapport dwar dan il-bieb. Jgħid li s-servizz għadu mhux komplut għaliex ma sarx sew.

Illi in kontro-eżami[20] jgħid li kien hemm xi difetti f'xogħol ieħor iżda dawn ġew solvuti. Kien hemm diversi laqgħat ma' Ceccato. Il-kejl kien verament approvat mill-perit. Kien hemm ukoll adjustments fil-bibien ta' fuq izda dawn ittranġaw. Il-bieb in kwisjtoni qagħad fil-post izda kien hemm xi vojt, imbgħad ordnaw *profiles* u ttranġa. Ma jiftakarx jekk intqal kliem li l-ħajt ma kienx tajjeb. Jgħid li anke kien hemm difett fil-pum. Parti mill-problema ġiet riżolta wara t-tielet

[19] Nota relattiva tinsab a fol 76 tal-proċess.
[20] Magħmul fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2021 u jibda a fol 134 tal-proċess.

tenttaiv iżda f'parti oħra tal-bieb il-problema kienet l-istess. Jgħid li huwa minnu li kienu ħallsu xi ammont ieħor rigwardanti dan il-bieb, iżda il-kwistjoni hija biss dwar il-bilanċ. Dak l-aħħar pagament kien sar buona volontá tagħhom. Il-bieb għamel perjodu kbir ma jintużax għax beżgħu li ħa jagħmlu l-ħsara. Fil-ħin tax-xhieda tieħgu jibqa' jgħid lill-problema għada l-istes.

Ill in ri-eżami fl-istess seduta jgħid li fuq l-istess ħajt hemm apertura oħra li taħdem sew.

Illi mart il-konvenut xehdet ukoll permezz t'affidavit[21]. Essenzjalment hija tikkonferma dak li qal il-konvenut. Ma sar l-ebda kontro-eżami lil dan ix-xhud.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet il-Perit Janice Fiorentino. In eżami[22] tikkonferma r-rapport eżebit bil-ġurament tagħha. In kontro-eżami fl-istess seduta tgħid li hi ħadet ħsieb il-finishes ta' dan ilf-ond. Tgħid li huwa normali f'xogħol bħal dan li l-kuntrattur jibda hu bid-dimensjonijiet. Fil-bidu ta' din l-istorja il-fond ma kienx mibni b'dawn l-aperturi. Huwa minnu li huma kkonfermaw d-dimensjonijiet. Tgħid li l-bieb m'għandux soll. Tgħid li huwa minnu li l-ġenb m'huwiex dritt, iżda qatt ma ssib apertura totalment dritta. Il-vojt jiġi mimli mill-kuntrattur. Tgħid li fil-fatt fl-aperturi kollha l-oħra hekk sar, kien biss f'dan il-każ li ma nstabitx soluzzjoni.

**Mertu**

Illi magħmul dan ir-riassunt, it-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija dik emerġenti mill-artikoli 1633 sa 1643 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u

---

[21] Dan jinsab a fol 113 tal-proċess.
[22] Magħmul waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2021 u li jibda a fol 123 tal-proċess.

allura t-Tribunal qiegħed jikkunsidra l-kuntratt ta' bejn il-kontendenti bħala wieħed t'appalt[23].

Illi b'mod ġenerali[24] jingħad li min jikkuntratta sabiex jagħti bħala oġġett prestazzjoni *da fare*, jitqies li qiegħed jobbliga ruħu li jagħmel dan b'diliġenza ta' *bonus paterfamilias*[25].B'mod aktar speċifiku mbgħad, għal dak li jikkonċerna vizzji fix-xogħol magħmul, appaltatur huwa hekk preżunt li jkun ħati f'każ li xi vizzju jew difetti jimmanifestaw ruħhom[26]. Issa huwa hekk ġustament mgħallem li appaltatur m'għandux jissokta li jespleta l-inkarigu mogħti lilu jekk iqis li l-istruzzjonijiet sejrin jirriżultaw f'xogħol ħażin[27]. Huwa obbligu prinċipali tal-

---

[23] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Ellul Classic Design Woodworks Limited (C64804) vs. Roni Demanuele,** (App Ċiv Nru: 310/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-18 ta' Mejju 2022.

[24] Hawnhekk, it-Tribunal ikun qiegħed jonqos jekk ma jagħmilx referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et,** (App Ċiv Nru: 323/2002/1) L-enunċjazzjoni elaborata dwar il-prinċipji ġuridiċi rigwardanti l-isitut t'appalt, magħmula f'dik is-sentenza, hija ta' spiss segwita u mħaddna mill-Qrati tagħhna. Dan it-Tribunal ukoll jieħu okkażżjoni jagħmel tiegħu t-tgħalim hemm imfisser.

[25] F'dan is-sens, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred Spiteri et vs Silvio Busuttil,** (App Ċiv 1408/1996/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Mejju 2010, fejn intqal hekk: *"Fost l-obbligazzjonijiet li ghandhom b'oggett prestazzjoni "di fare", bhal ma hekk hu l-kuntratt ta' appalt, hu mistenni li dik l-obbligazzjoni tieghu taghti rizultat finali u tajjeb f'kull rispett, biex jista' jinghad li l-appaltatur ikkonforma ruhu mal-mudell tad-diligenza tal-bonus paterfamilias skond l-Artikolu 1132 Kodici Civili. Il-kuncett ta' din id-diligenza jimplika li hu jadopera l-kawteli indispensabbli ghall-adempiment tal-prestazzjonijiet tieghu skond ir-regoli ta' larti u tat-teknika tajba. Dan, difatti, huwa kriterju ghal liema spiss drabi jaghmlu riferiment il-Qrati taghna. Hekk inghad illi l-obbligu tad-diligenza jikkomprendi li l-appaltatur jippresta kapacita ordinarja u wkoll "quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto". Ara "Carmelo Scicluna -vs Giuseppe Mallia et", Appell Civili, 31 ta' Mejju, 1929;"*

[26] Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Raphael Micallef vs Anthony Agius,** (Ċit Nru: 1003/1989/2), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ġunju 2004 (mhux appellata) fejn, wara li saret referenza estensiva għa-ġurisprudenza in materja, ġie enunċjat, b'awtoritá, is-segwenti: *"Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza prevalenti l-appaltatur huwa meqjus fi htija ghax-xoghlijiet ezegwiti mhux skond l-arti u s-sengha, jekk jinstabu vizzji u difetti f'dawn l-istess xoghlijiet. Vizzji li hu seta' nduna bihom jew kellu, dejjem in bazi ghar-regoli ta' l-arti, jintebah bihom".*

[27] Issir referenza, fost diversi, għas-sentenza fl-ismijiet **Francis Stivala noe vs Hector Borg pro et noe,** (Ċit Nru: 446/1994/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2003 (mhux appellata) fejn reġa ġie kkonfermat hekk: *"Jinsab ritenut ukoll illi "l-appaltatur ma hux mehlus mir-responsabilita` avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol" ("Nobbli*

appaltatur li jara li x-xogħol li sejjer iwettaq ikun qiegħed isir utilment għall-kommittent li jkun inkarigah[28].

Illi wara li eżamina l-provi kollha, dan it-Tribunal jidhirlu li l-konvenut għandu raġun fit-tieni eċċezzjoni tiegħu. Id-difett riskontrat huwa wieħed serju biżżejjed sabiex jingħad li dan il-bieb ma huwa t'ebda utilità għall-konvenut. Ma jistax jingħad li dan ix-xogħol sar bil-bonta' rikjest[29], anzi pjuttost, u dan kif anke joħroġ ċar mill-filmat eżebit li dan il-bieb mhux talli ma jiffunzjonax sew iżda saħansitra lanqas jilħaq l-għan uniku tiegħu; ċioé li jingħalaq u li jinfetaħ. M'għandux ikun li wieħed irid jagħmel tant sforz sabiex sempliciment jingħalaq jew jinfetaħ bieb, bil-biża' li dan attwalment jinkiser.

Illi lanqas ma jista t-Tribunal jgħid li dan id-difett jista jiġi msewwi[30]. Irriżulta ċar u ammess mis-soċjetá attriċi li għalkemm ittantaw diversi drabi jirranġaw dan il-bieb, qatt ma rrnexxielhom. Saħansitra ġew esperti minn fejn ġie ordnat il-prodott u xorta ma nstabet l-ebda soluzzjoni. Dan ikompli jikkonferma li dan il-bieb huwa totalment inutili u li s-soċjetá attriċi ma ħaqqiex il-pagament hawn reklamat.

---

*Gioacchino Attard Montalto -vs Emanuele Schembri et", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1957). Anzi jinghad ukoll illi "e` dovere dell' appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole della arte" ("Nicola Vella -vs- Luigi Agius", Appell, Sede Inferjuri, 7 ta' April 1923); Huwa ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li "ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru 'il quddiem." ("Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972);"*

[28] F'dan is-sens ukoll, issir referenza, kemm għal dak deċiż u kemm għar-rakkolta ġurisprudenzjali in materia, għas-sentenza fl-ismijiet **C & F Building Contractors Ltd vs Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd**, (Ċit Nru: 975/2000/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2012 (mhux appellata).

[29] Artikolu 1132 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[30] Sa fejn huwa hekk applikabbli, wieħed huwa mistieden jara l-insenjament magħmul fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Stivala *noe* vs Hecto Borġ *pro et noe*,** (Ċit Nru: 446/1994/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2003.

Illi lanqas jgħodd dak li t'argumenta s-soċjetá attriċi li l-ħlas li sar fuq dan ix-xogħol ifisser li l-istess hija meħlusa mir-responsabbiltá tagħha u li kien hemm allura akkwixxenza da parti tal-konvenut[31].

Illi finalment safejn is-soċjetá attriċi targumenta li d-difett huwa dovut għal xi nuqqas fid-dimensjonijiet inizjali tal-ħitan, fl-anglu tiegħu, it-Tribunal jgħid li dan l-argument m'huwiex wieħed mistħoqq. Kien id-dover tas-soċjetá attriċi, jekk sabet li ma tistax tagħmel ix-xogħol li tieqaf immedjatament[32]. Ma setgħetx peró, tkompli taħdem b'dan id-dubju u issa tmexxi għall-ħlas rimanenti, ġialdarba x-xogħol tagħha huwa ħażin. Ukoll, dan l-argument ftit jitwemmen bil-fatt li apertura oħra ġiet installata ma l-istess ħajt mingħajr problemi ta' xejn.

Illi tajjeb jingħad li f'dawn il-proċeduri, apparti x-xhieda soġġettiva tal-kontendenti[33], hemm ukoll il-prova teknika magħmula mill-perit *ex parte* tal-

---

[31] F'dan is-sens issir refereneza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Camilleri *et* vs Farrugia *noe,*</u>** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Frar 2004 fejn intqal hekk: *" L-appaltatur ma humiex mehlus mir-responsabilita` avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghall-finijiet tal-hlas, izda b`daqshekk ma jigix ezonorat mir-responsabiltà` jekk nonostante kontroll diligenti fil-mument tal-verifika, `l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew. Jekk id-difetti jkunu ta` certa gravita` l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-`exceptio non rite adempleti contractus` ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas; jekk min-naha l-ohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati jew jaccetta riduzzjoni."*

[32] Dwar dan, issir referenza għas-segwenti: *"L-appaltatore e poi pienamente responsabile del progetto fornito da lui stesso, sebbene in ipotesi sia stato accettato dal committente, perché quest'utimo e un profano, e solo l-appaltatore e un tencico dell'arte, cui appuntu per cio il committente si e affidato"* - **<u>Novissimo Digesto</u>**, Vol I1, 1957, UTET, Appalto Privato, a fol 694, Antonio Azara u Ernesto Eula.

[33] Tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Audrey Murphy ġja Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia,</u>** (Ċit Nru: 665/2006), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2015 (mhux appellata) fejn b'awtoritá, ntqal hekk: *"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma*

konvenut. Issa prova bħal din, hija aċċettata fis-sistema tagħna[34], salv biss għal-fatt li prova simili hija soġġetta għall-istess kriterji ta' valutazzjoni magħmula meta perit tekniku ikun ġie inkarigat minn awtorità ġudikanti[35]. Għalhekk huwa applikabbli wkoll it-tagħlim li solitament jiġi mfakkar f'dan ir-rigward[36]. Dik ix-xhieda titkellem b'mod ċar (u baqgħet hekk ċara anke wara l-kontro-eżami) u dan it-Tribunal ma jsibx li għandu, f'materja teknika, jiskarta l-istess qisu din kienet waħda ineżistenti[37].

Illi għalhekk it-Talba tas-soċjetá attriċi jistħoqq li tiġi miċħuda.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqá l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, jiċħad it-talba tas-soċjetá attriċi.

---

*u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet."*

34 Artikolu 563A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

35 Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

36 Fuq din it-tematika wieħed huwa mistieden jara l-ġabra ġurisprudenzjali rakkolta fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Pisani et vs Adam Bartolo** (Rik Ġur Nru: 13/06 JZM), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2016, per Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon (mhux appellata).

37 Ikun utli li ssir referenza għal dak li jgħid il-ġurista **Michele Taruffo** fil-ktieb tiegħu **Verso la Decisione Giusta** fejn dan jamplifikaw hekk: *"Bisogna d'altronde considerare che il giudice non opera da solo e nel vuoto. La prova scientifica si forma e si acquisisce nel contradditorio delle parti, e ċioé comporta almenu due conseguenze di rilievo. La prima é che anche gli avvocati debbono disporre delle conoscenze di carettere epistemologico necessarie per un impiego razionale delle prove scientifiche, ad esempio per verificare preliminarmente la loro attendibilitá e controllare la qualitá degli esperti di cui si servono come periti di parte. Naturalmente gli stessi criteri servono per valutare l'attendibilitá delle altre perizie di parte, ed anche per verificare la qualitá dell'esperto nominato dal giudice. La seconda conseguenza é che i difensori, eventualmente per mezzo dei loro periti, possono fornire al giudice gli elementi necessari per una valutazione critica approfondita delle prove scientifiche acquisite al processo. Sotto questo profilo spetta alle parti e ai loro difensori il diritto e il dovere di collaborare con il giudice per un corretto apprezzamento di queste prove"* – G. Giappichelli Editore, 2000, Kapitolu 20 intitolat *La scienza nel processo: problemi e prospettive*, a fol 295.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá attriċi.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur